MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta ta' l-24 ta' Marzu, 2003

Appell Civili Numru. 23/2001/1

**John Mary Deguara.**

**vs.**

**L-Awtorita` ta' l-Ippjanar.**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

### (a) APPELL QUDDIEM IL-BORD TAL-APPELL DWAR L-IPPJANAR.

Illi fit-22 ta' Marzu tas-sena 1999 l-esponent kien intavola appell minn decizjoni mahruga mill-Awtorita` intimata konsistenti f'Avviz ta' Waqfien u ta' Twettieq datat 22 ta' Frar 1999 in konnessjoni ma' allegat zvilupp minghajr permess fuq sit li jinsab gewwa Triq il-Pont, Mosta;

### (b) DECIZJONI TAL-BORD TAL-APPELL DWAR L-IPPJANAR.

Illi b'decizjoni datata 7 ta' Settembru, 2001 il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar ta' decizjoni preliminari dwar punt imqajjem mill-appellant odjern u cioe` jekk il-proceduri ta' twettieq mibdija mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar kienux validi fil-konfront tieghu u dan a bazi tal-principju tan-*ne bis in idem*.

Illi fid-decizjoni tieghu l-Bord ta' l-Appelli qal illi huwa tal-fehma li l-eccezzjoni tan-*ne bis in idem* ma tapplikax f'dan il-kaz peress li fil-proceduri kriminali li gew irtirati mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar qatt ma kien hemm ezitu favorevoli jew sfavorevoli ghall-appellant: il-Qorti qatt ma ippronunzjat ruhha dwar il-mertu tal-akkuza. Ghall-kuntrarju, l-azzjoni kriminali giet irtirata bla pregudizzju u sabiex tittiehed minflokha l-azzjoni amministrattiva.

B'hekk l-istess Bord ta' l-Appelli cahad l-eccezzjoni preliminari tal-appellant u iddiferixxa l-appell ghall-kontinwazzjoni ghat-2 ta' Novembru, 2001 fil-5.00p.m.

(c) L-Appell odjern quddiem din il-Qorti.

Rat ir-rikors ta' l-appell a fol. 2 et seq. tal-process fejn permezz tieghu, l-appellant issottometta:

Illi fil-mori tal-proceduri tal-appell quddiem il-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar, l-esponent ressaq risposta ulterjuri fis-sens li giet kontestata l-validita tal-imsemmi Avviz ta' Twettieq a bazi tal-principju tan-*Ne bis in idem*;

Illi permezz ta' decizjoni preliminari moghtija mill-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar, datata 7 ta' Settembru, 2001, l-imsemmi Bord ma laqghax din l-eccezzjoni ta' natura preliminari stante li qalghet li ma tapplikax ghall-kaz in ezami, cahdet l-istess u konsegwentement ordnat il-prosegwiment tal-kaz fil-meritu;

Illi l-appellant hass ruhu aggravat minn din id-decizjoni preliminari u stante li din hija ta' natura perentorja, huwa qieghed ghalhekk jinterponi appell minnha permezz ta' l-odjern rikors;

Illi l-fatti li taw lok ghal din l-eccezzjoni preliminari huma fil-qosor is-segwenti:

a) Illi kienet giet ipprezentata kawza kriminali kontra l-appellant mill-Awtorita` intimata ossia mill-aventi kawza taghha proprju fuq l-istess kwistjoni meritu ta' l-imsemmija *enforcement notice* li nharget sussegwentement;

b) Illi qed jigi allegat li fl-imsemmija kawza kriminali, li ghaliha l-esponent kien gia rrisponda li "mhux hati", l-istess Awtorita` kienet tat struzzjonijiet b'mod generiku sabiex kawzi simili jigu rtirati halli jkun jistghu jittiehdu l-proceduri opportuni skond l-Att Numru I tas-sena 1992;

c) Illi fil-fatt l-Awtorita` konvenuta harget l-imsemmija *enforcement order* kontra l-esponent proprju fuq meritu identiku ghal dak li kien qed jirrispondi ghalih quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali;

d) Illi proprju ghal din ir-raguni tqajmet l-eccezzjoni ta' *Ne bis in idem*;

Illi l-aggravju huwa car u manifest u dan jikkonsisti fis-segwenti ragunijiet:

(1) Illi fl-ewwel lok jigi rilevat li l-oneru tal-prova tinkombi proprju fuq l-Awtorita` ta' l-Ippjanar li kellha ggib prova cara, nkonfondibblu w inekwivoka dwar l-irtirar ta' l-azzjoni kriminali u kif ukoll li l-istess azzjoni ta' rtirar sehhet minghajr pregudizzju ghal kull dritt li ghandhom *ai termini* ta' l-Att Nurmu I tas-sena 1992;

(2) Illi fit-tieni lok l-istess Awtorita` kienet obbligata wkoll li tressaq quddiem il-Bord ta' l-Appell Dwar l-Ippjanar l-ahjar prova, partikolarment dik dokumentata;

(3) Illi dawn iz-zewg osservazzjonijiet qed jitressqu proprju qabel ma jigi trattat il-principju per se ta' *ne bis in idem*, peress li l-Awtorita` naqset u falliet ghal kollox fuq iz-zewg lati hawn fuq indikati kif ser jigi indikat hawn isfel;

(4) Illi mill-atti ghandu jirrizulta li ma ngiebet ebda prova li l-kaz specifiku kontra l-esponent quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) kien qed jigi rtirat – il-prova li ngiebet f’dan is-sens kienet wahda generika applikabbli ghal diversi kazijiet li kienu simili ghal dak ta’ l-istess esponent;

(5) Illi l-ahjar prova li kellha tingieb f’dan is-sens kellhom ikunu l-atti processwali tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) fil-kaz kontra l-esponent cioe` il-kaz “**Il-Pulizija vs John Mary Deguara**”. Dawn l-atti processwali baqghu qatt ma gew esebiti;

(6) Illi l-verbal tal-Qorti li gie esebit fl-ewwel lok jaghmel riferenza ghal diversi kazijiet u fit-tieni lok id-dati fuq l-istess dokumenti esebiti biex iservu bhala prova kontra l-appellant f’dan is-sens ma jaqblux;

(7) Illi ghalhekk il-Bord tal-Appell Dwar l-Ippjanar minn ezami tal-provi migjuba ma kellux triq ohra hlief li jiddeciedi favur l-esponent fuq l-eccezzjoni sollevata minnu peress li ma tresqet ebda prova konvincenti u konklussiva li l-kaz kriminali kontra l-appellant kien gie rtirat;

(8) Illi minghajr pregudizzju ghall-premess, fis-sustanza tal-principju imressaq bhala eccezzjoni preliminari, filwaqt li l-esponent jaghmel referenza ghad-dottrina kif elaborata fis-sentenzi w awturi kwotati fid-decizjoni in kwistjoni hawn appellata, jirrileva li c-cirkostanzi partikolari ta’ dan il-kaz jiggustifikaw l-intavolar ta’ tali eccezzjoni u dan ghar-ragunijiet li issa ser jissemmew;

(9) Illi l-ewwel osservazzjoni li ghamel il-Bord ta’ l-Appell hija li l-proceduri li ttiehdu mill-Awtorita` taht l-Att ta’ l-1992 huma ta’ natura amministrattiva u mhux penali. L-esponenti jikkontendi li l-fatt li ttiehdu “*decriminalising steps*” b’referenza ghal certu atti ma jfissirx b’daqshekk li tilfu il-karatteristika taghhom tal-ligi kriminali. F’dan ir-rigward issir referenza ghall-kaz “**Ozturk vs FRG”** deciz mill-Qorti Ewropeja (1984), *“There the Court held that an offence of careless driving, which was classified as regulatory, not criminal, under German law, was none the*

*less ‘criminal’ for the purpose of Article 6. Despite the decriminalising steps that had been taken when such road traffic offences ceased to be criminal in Germany, the offence retained characteristics that were the hallmark of a criminal offence: it was of general application (i.e. applicable to the public at large or a section of it – road users – and not just to members of a particular group) and carried with it a sanction – a fine- of a punitive and deterrent kind”* (**Law of the European Convention on Human Rights**, ***D.J. Harris, M.O’Boyle u C. Warbick*** f’pagna 169). Il-fatt li jista’ jigi ntavolat appell quddiem il-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar ma jfissirx b’daqshekk li l-att fih innifsu jitlef il-karatteristika tieghu. Tant hu hekk li fil-kawza fl-ismijiet fuq premessi l-proceduri kienu jsiru mhux quddiem Qorti imma ufficjal inkarigat ghal dak l-iskop. B’daqshekk il-Qorti ma waslitx ghall-konkluzjoni li dawk l-atti ma kienux ta’ natura penali.

(10) Illi l-esponent qieghed jikkontendi li fejn il-proceduri kriminali jkunu gew irtirati mill-Prosekuzzjoni, il-kwistjoni tkun inghalqet u ma tistax terga’ tigi diskussa quddiem forum iehor. Il-principju ta’ *ne bis in idem* japplika wkoll f’dawn ic-cirkostanzi, u l-irtirar tal-proceduri kriminali ghandha tinftiehem bhala liberazzjoni ta’ l-imputat mill-akkuzi dedotti kontra tieghu. Jekk wiehed kellu jikkondividi l-interpretazzjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Appell dwar l-Ippjanar, allura jkun qieghed jigi meghlub l-iskop tal-principju ta’ “*double jeopardy*” li huwa “*to prevent the unwarranted harassement of the accused by multiple prosecutions*” (Professor Friedland – ara pagna tad-decizjoni moghtija mill-Bord ta’ l-Appell). Ic-cirkostanzi li qieghed jipprospetta l-Bord ta’ l-Appell jista’ jaghti lok ghall-abbuz min-naha tal-Prosekuzzjoni li tista’ facilment tibda u tirtira proceduri kriminali kif jidhrilha skond l-andament tal-proceduri.

(11) Illi l-Bord ta’ l-Appell ghamel ukoll riferenza ghall-fatt li l-Artikolu 4 tal-Protokoll numru 7 tal-Konvenzjoni Ewropeja ghall-Protezzjoni tad-Drittijiet tal-Bniedem u tal-Libertajiet Fundamentali m’huwiex parti mill-ligi taghna. L-esponent huwa tal-fehma li l-principju *ne bis in idem* isib l-applikazzjoni tieghu anke fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni. Fil-

fatt, kif jinghad fil-ktieb Law of the European Convention on Human Rights (D.J. Harris, M O'Boyle u C. Warbrick) "*The fact that freedom from double jeopardy (ne bis in idem, autrefois acquit) is guaranteed by the Seventh Protocol to the Convention for the parties thereto* *<u>does not necessarily mean that it is not protected by Article 6(1) for the Convention parties as a whole"</u>* <u>(pagna 217)</u>.

(12) Illi minghajr pregudizzju ghal dak li jinghad fl-aggravji fuq imsemmija, gialadarba l-Prosekuzzjoni ghazlet li tirtira l-proceduri kriminali fil-konfront ta' l-esponent u b'hekk giet li rrinunzjat ghalihom, l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ma kellha ebda jedd li tohrog Avviz ta' twettiq fuq l-istess kaz (ara f'dan is-sens sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fl-ismijiet "**Godfrey Psaila vs Awtorita` ta' l-Ippjanar**" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-22 ta' April, 1996).

Ghaldaqstant, l-esponent filwaqt li jaghmel riferenza ghall-atti kollha fuq citati u jirriserva illi jaghmel osservazzjonijiet u jressaq provi ulterjuri li jkun hemm bzonn, jitlob bir-rispett illi d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar datata 5 ta' Lulju, 2000 fil-process fl-ismijiet fuq premessi tigi revokata u mhassra u konsegwentement tilqa' l-appell tieghu u tordna li jinhareg il-permess relattiv ghall-izvilupp kif minnu propost.

<u>(D) IR-RISPOSTA GHALL-APPELL ODJERN QUDDIEM DIN IL-QORTI</u>

Rat ir-risposta ta' l-Awtorita` ta' l-Ippjanar ghall-appell interpost minn John Mary Deguara a fol. 25 et seq. tal-process fejn gie eccepiet:

1. Illi qabel xejn trid issir korrezzjoni mill-appellant fl-appell tieghu stante li l-Qorti kompetenti f'dawn it-tip ta' appelli hija "Il-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri)" u ghalhekk gialadarba ssir tali korrezzjoni b'ordni tal-Qorti, ssir ukoll il-korrezzjoni opportuna fir-risposta tal-appellati odjerni;

2. Illi fid-decizjoni tieghu tas-7 ta’ Settembru 2001 (Dok. A), il-Bord ta’ l-Appell, wara valutazzjoni estensiva tal-fatti u awturi fuq il-punt, iddecieda billi cahad l-eccezzjoni ta’ l-appellant fis-sens illi l-proceduri kriminali kontra l-istess appellant u il-hrug tal-avviz biex tieqaf u twettieq ma jikkostitwixxix ksur tal-principju tan-*ne bis in idem*.

3. Illi l-fatt illi l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar ipprocediet kontra l-istess appellant bi proceduri kriminali u sussegwentement, wara li giet ceduta l-kawza, inhareg avviz biex tieqaf u twettiq ma jikkostitwixxi bl-ebda mod ksur tal-principju enuncjat hawn fuq. Dan ghaliex kif gie ritenut anke f’sentenzi tal-Onorabbli Qorti tal-Appell, il-procedura tal-avvizi mahruga mill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar ma jikkostitwixxux proceduri kriminali kontra min qed jinhareg l-avviz imma biss l-aspett amministrattiv halli l-istess Awtorita` tizgura ruhha li l-ksur li jkun allegat fl-avviz fil-fatt jittranga.

4. Illi l-**Att I tal-1992** jaghti zewg funzjonijiet lill-Awtorita` ta’ l-Ippjanar meta din tara illi xi zvilupp qed isir bi ksur jew kontra l-permessi relattivi; a) dik amministrattiva taht Taqsima V: Twettiq tal-Kontroll, li tistabbilixxi l-mekkanizmu kif l-Awtorita` tista’ tghasses fuq zviluppi u l-mod kif tista’ tenforza l-ksur tar-regoli dwar l-ippjanar; u b) dik penali taht Taqsima VI: Reati Dwar Zvilupp u Pieni li jistabilixxi *inter alia* mekkanizmu illi jekk persuna tigi notifikata b’avviz u dan xorta wahda jonqos milli jhares xi wahda mill-htigijiet ta’ dak l-avviz, ikun hati ta’ reat.

5. Illi ghalhekk dawn iz-zewg mekkanizmi huma kompletament indipendenti minn xulxin u kif qalet din l-Onorabbli Qorti diversament presjeduta fil-kawza bl-ismijiet **“Anthony Borg vs L-Awtorita` ta’ l-Ippjanar”** (Appell Nru. 144A/95 – deciza fl-24 ta’ April, 1996) *“Hu superfluwu li jigi notat illi l-appell hu minn decizjoni ta’ Bord ta’ Appell – <u>Tribunal b’kompetenza specjali ta’ revizjoni ta’ decizjonijiet amministrattivi</u> … kif sewwa ssottommettiet l-Awtorita` appellata d-decizjoni tal-Bord ta’ l-Appell taghmel referenza “ghall-avviz ta’ twettieq mahrug mill-Awtorita`, liema avviz ordna t-twettieq in kwistjoni*

*(mertu ta' dan l-appell)". L-*<u>*istess ordni mhix akkuza izda semplicement regolamentazzjoni tal-bini illegali fil-pajjiz*</u>.

6. Illi kontra ghal dak li inghad fl-appell odjern ma jista qatt ikun hemm *multiple prosecutions* meta kawza kriminali tkun segwita bil-hrug ta' avviz biex tieqaf u twettieq u dan ghaliex il-proceduri ghall-hrug ta' dawn l-avvizi mhumiex penali imma semplicement amministrattivi.

7. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, il-kawzi kriminali, fosthom tal-appellant gew irtirati (u mhux ceduti) mill-Awtorita` ghax dawn kienu kawzi illi kienet wirtet mill-PAPB u bl-irtirar biss hi setghet twettaq id-dmirijiet taghha taht l-**Att I tal-1992**, u cioe` tohrog l-avvizi ta' twettieq relattivi. Pero' xorta wahda jibqa' l-fatt illi dawn il-proceduri huma ta' entita differenti. Fil-hrug ta' avviz ta' twettieq ma tezisti l-ebda piena u ghalhekk ma jistax ireggi l-argument illi dawn iz-zewg mekkanizmi huma ta' l-istess natura.

8. Ghal dan il-ghan kif ikkwota korrettement il-Bord tal-Appell fid-decizjoni dettaljata tieghu, **l-Art. 39(9) tal-Kostituzzjoni** jistabbilixxi l-principju tan-*ne bis in idem* jghid hekk:

*"Ebda persuna li turi li tkun ghaddiet proceduri* <u>*quddiem xi qorti kompetenti ghal reat kriminali iehor*</u> *li ghalih setghet tigi misjuba hatja jew liberata* <u>*m'ghandha terga' tghaddi proceduri ghal dak ir-reat*</u> *hlief wara ordni ta' qorti superjuri moghti matul ir-rikors ta' appell jew proceduri ta' revizjoni dwar id-dikjarazzjoni ta' htija jew liberazzjoni; u ebda persuna ma ghandha tghaddi proceduri ghal reat kriminali jekk turi li tkun hadet il-mahfra ghal dak ir-reat".*

9. In vista tal-premess, l-esponenti, filwaqt li taghmel referenza ghall-provi gia prodotti partikolarment id-decizjoni tal-Bord tal-Appell datata 7 ta' Settembru 2001 u tirriserva li ggib dawk il-provi kollha permessi mill-Ligi, titlob li din l-Onorabbli Qorti joghgobha, filwaqt li tichad l-appell interpost mill-appellant John Mary Deguara, tikkonferma d-decizjoni moghtija mill-Bord ta' l-Appell

dwar l-Ippjanar fis-seba' (7) ta' Settembru 2001, bl-ispejjez kontra l-istess appellant.

Rat in-nota tas-Segretarju tal-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar datata 25 ta' April 2002 fejn permezz taghha esebixxa *animo ritirandi* l-file tal-Bord ta' l-Appell fl-ismijiet "John Mary Deguara kontra Awtorita` ta' l-Ippjanar" deciz mill-istess Bord.

Rat il-verbali tad-29 ta' April, 2002 fejn il-kawza giet differita ghat-trattazzjoni ghall-24 ta' Gunju, 2002 u tal-24 ta' Gunju, 2002 fejn wara li giet trattata l-kawza, din giet differita ghas-sentenza ghas-27 ta' Jannar, 2003, u tas-27 ta' Jannar 2003 fejn il-kawza giet differita ghas-sentenza ghall-lum l-24 ta' Marzu 2003.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

Rat ir-rikors ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar a fol. 45 tal-process fejn l-istess Awtorita` talbet l-awtorizazzjoni ta' din il-Qorti sabiex hija tipprezenta n-nota ta' sottomissjonijiet li gietipprezentata kontestwalment ma' l-imsemmi rikors. Rat id-digriet ta' din il-Qorti ta' l-10 ta' Lulju, 2002 fejn laqghet it-talba w ordnat in-notifika ta' l-istess nota lid-difensur tal-kontro-parti li kellu 20 gurnata mill-istess notifika ghall-prezentata ta' nota responsiva. Rat illi r-rikors imsemmi gie notifikat fis-16 ta' Lulju, 2002 u dan skond ma jirrizulta *a tergo* tal-fol. 44 tal-process, pero` ma jirrizultax illi din in-nota fil-fatt giet prezentata.

Rat illi fl-imsemmija nota ta' sottomissjonijiet ta' l-Awtorita` ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar gie sottomess illi l-appell interpost mill-appellant quddiem din l-Onorabbli Qorti ghandu jigi dikjarat irritu u null stante li sar minn decizjoni preliminari tal-Bord ta' l-Appelli dwar l-Ippjanar u dan in vista tad-decizjoni moghtija minn din il-Qorti kif diversament komposta fil-kawza fl-ismijiet "**Joseph Difesa vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta' l-Izvilupp**" (Rik. Nru. 380/00) deciza fit-28 ta' Gunju, 2002.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Illi f'dan l-appell gie sollevat il-punt interessanti fis-sens illi jekk l-Awtorita` appellata ghazlet li tirtira l-proceduri kriminali pendenti kontra l-appellant odjern allura l-istess Awtorita` ta' l-Ippjanar ma ghandha l-ebda dritt li tohrog Avviz ta' Twettieq fuq l-istess kaz li dwaru kienu inbdew il-proceduri kriminali.

Illi din l-Qorti mhix sejra tippronunzja ruhha fuq din il-kwistjoni li sejra tithalla impregudikata, billi din il-Qorti ser tinvestiga minflokha kwistjoni li tqajjmet mill-Awtorita` fir-rikors taghha, pero' liema kwistjoni kienet diga tezisti fil-ligi. Il-kwistjoni li ghaliha qeghda tirreferi l-Qorti hija dik dwar in-nullita ta' l-atti odjerni stante li f'dan il-kaz ghandna appell minn decizjoni preliminari, haga li almenu skond is-**sub-artikolu (2) ta' l-Artikolu 15 tal-Kap. 356 tal-Ligijiet ta' Malta** ma tistax issir.

Illi jehtieg l-ewwel u qabel kollox allura li jigi nvestigat dan il-punt ta' nullita' sollevat mill-Awtorita` appellata fin-nota ta' sottomissjonijiet taghha. Dan qieghed jinghad il-ghaliex jekk din is-sottomissjoni tirnexxi allura l-appell ma jkunx jista jitkompla u b'hekk l-atti jintbaghtu lura lill-Bord sabiex huwa jkompli jiddisponi mill-kaz skond il-ligi.

Illi jkun utili f'dan l-istadju li jigi ikkwotat is-**sub-artikolu 2 ta' l-artikolu 15** ta' l-**Att Numru 1 ta' l-1992**:

*"(2) Id-decizjonijiet tal-Bord ghandhom ikunu finali. Ghandu jkun hemm appell lill-Qorti ta' l-Appell kostitwita skond l-**artikolu 41 (6)** tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili minn dawk id-decizjonijiet biss dwar punti ta' ligi decizi mill-Bord fid-decizjoni tieghu. Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista' jigi pprezentat biss flimkien ma' appell mid-decizjoni finali tal-Bord".*

Illi l-**artikolu 15 ta' l-Att dwar l-Ippjanar ta' l-Izvilupp** gie emendat tlett darbiet minn meta dan l-Att dahal fis-sehh. Di fatti gie emendat permezz ta' l-**Att Numru XXIII/1997,**

sussegwentement gie emendat bl-**Att Numru VI tal-2001** u finalment gie emendat bl-**Att Numru XXI tal-2001**.

Illi mid-dicitura ta’ dan l-istess artikolu li ghadu kif gie appena citat, jirrizulta illi *“Appell minn decizjoni parzjali tal-Bord jista’ jigi pprezentat biss flimkien ma’ appell mid-decizjoni finali tal-Bord”.* Illi allura minkejja dak li gie sottomess mill-Awtorita` appellata fin-nota ta’ sottomissjonijiet taghha fejn giet iccitata d-decizjoni ta’ din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet **“Joseph Difesa vs Il-Kummissjoni ghall-Kontroll ta’ l-Izvilupp”** (Rik. Nru. 380/00) deciza fit-28 ta’ Gunju, 2002, xorta kien hemm din l-eccezzjoni ta’ nullita` li diga tezisti fil-ligi.

Illi din il-Qorti ghandha l-obbligu li tqajjem hija stess *marte proprio* din l-eccezzjoni stante li tirrigwarda nullita’ ta’ att gudizzjarju. Illi l-kliem tal-ligi hawn appena citata huwa car u ma tantx ihalli lok ghal interpretazzjoni differenti. Dan l-appell ma setgha qatt jigi intavolat f’dan l-istadju izda *se mai* kellu jsir dan l-appell wara li tinghata d-decizjoni finali mill-Bord ta’ l-Appelli dwar l-Ippjanar.

Illi apparti dan jinghad ghall-grazzja tal-argument ukoll li anke kieku dan l-appell kellu jigi kkunsidrat fil-mertu tieghu huwa wkoll infondat legalment u dan peress li mill-atti processwali ta’ din il-procedura quddiem l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar jirrizulta fl-ewwel lok li kull azzjoni kontra l-istess appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) giet irtirata, u dan kif jidher minn kopja tal-verbali esebiti quddiem l-istess Qorti, u li ghalihom saret referenza fl-istess decizjoni, u minn imkien ma jirrizulta li l-appellant ipprova mod iehor, hlief li huwa qed jinjora dak li gie verbalizzat fl-istess kawzi quddiem il-Qorti, pero’ l-prova prodotta hija xorta ohra u ma hija kontradetta bl-ebda dokument iehor. Fil-fatt il-verbal fl-istess seduta tal-P.A.P.B. kontra l-appellant huwa car:-

*“Deher il-Building Inspector Joe Agius li nforma l-Qorti li ghandu struzzjonijiet mid-Dipartiment biex il-kawza tigi rtirata mill-Prosekuzzjoni”. “Minghajr pregudizzju il-kaz qed jigi irtirat sabiex l-Awtorita` ta’ l-Ippjanar tkun tista’*

*tirregola ruhha ahjar u tiehu l-passi opportuni skond l-Att I tal-1992 dwar l-Ippjanar".*

Illi fit-tieni lok il-lamentela dwar l-**artikolu 39 (9) tal-Kostituzzjoni ta' Malta,** ma huwiex applikabbli ghall-kaz odjern peress li l-proceduri li inhadu mill-Awtorita` ta' l-Ippjanar sabiex jinhareg l-Avviz ta' Waqfien u Twettiq kontra l-appellant u l-proceduri li segwew l-istess att, kollha saru *ai termini* tal-**Kap 356** quddiem Bord jew Awtorita` amministrattiva li tirregola kwistjonijiet ta' zvilupp, liema organi ma humiex Qorti fis-sens kif indikat fl-istess **artikolu 39,** u dan apparti li quddiem l-istess l-istess organi nkluz il-Bord ta' l-Appell dwar l-Ippjanar, l-istess appellant ma gie akkuzat bl-ebda reat u fil-fatt l-istess Avviz ta' Waqfien u Twettiq kontra l-appellant ma jikkostitwiexxix akkuza izda sempliciment regolamentazzjoni ta' bini allegatament illegali tal-appellant. Fil-fatt il-*veste* tal-Bord ta' l-Appell ta' l-Ippjanar hija dik ta' tribunal amministrattiv b'kompetenza specjali ta' revizjoni ta' decizjonijiet amministrattivi, li qatt ma tista' tikkwalifika bhala akkuza, u dan kif gie ritenut fis-sentenza **"Anthony Borg vs l-Awtorita` ta' l-Ippjanar"** (A.C. 24 ta' April 1996). Illi fil-kuntest ta' dan kollu u l-applikazzjoni tal-**artikolu 39 tal-Kostituzzjoni** l-Qorti tirreferi ghas-sentenzi ta' dawn il-Qrati fl-ismijiet **"Karl Heinrich Muscat vs Avukat Generali et"** (P.A. (Kost) (FS) 17 ta' Jannar 2002) u **"Glenn Bedingfield vs Kummisarju tal-Pulizija et"** (Q.K. (JSP) 31 ta' Lulju 2000).

Illi dan qed jinghad bla pregudizzju ghall-principju li fi kwistjonijiet ta' natura kostutizzjonali f'dak li jirrigwarda allegati ksur ta' drittijiet fondamentali tal-bniedem *ai termini* tal-**artikolu 33 u 45 tal-Kap I,** hija biss il-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-sede Kostituzzjonali taghha, u fit-tieni istanza l-Qorti Kostituzzjonali, li skond l-**artikolu 46 tal-istess Kap I** ghandha gurisdizzjoni originali w esklussiva sabiex tiddeciedi dwar punti tal-istess natura dwar drittijiet fondamentali prottetti fl-istess Kostituzzjoni, u l-istess artikolu jistabbilixxi l-procedura kif din ghandha ssir kemm permezz ta' riferenza skond is-subinciz (3) u kemm b'rikors quddiem il-Qorti kompetenti, u ma jidhirx li l-istess appellant utilizza wahda minn dawn l-proceduri. L-

istess japplika ghall-**Kap 319** skond id-disposizzjonijiet appositi tal-**artikolu 4** ta' l-istess.

Illi ghalhekk anke ghal din il-bazi l-istess appell tar-rikorrenti ghandu jigi michud.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi **tichad l-appell interpost mill-istess appellanti bir-rikors tieghu tal-24 ta' Settembru 2001,** stante li huwa null u bla effett *ai termini* tal-**artikolu 15 (2) tal-Kap 356** u konsegwentement tibghat lura l-atti lill-Bord tal-Appell dwar l-Ippjanar sabiex ikompli jisma' u jiddeciedi l-kaz skond il-ligi fuq il-mertu.

Bl-ispejjez ta' din l-istanza kontra l-appellanti.

**Moqrija.**

--------------------------------TMIEM--------------------------------